



STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 207/23

Il-Lussemburgu, 21 ta' Diċembru

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawża C-261/22 | GN (Raġuni ta' rifjut ibbażata fuq l-aħjar interessi tal-wild)

Mandat ta' arrest Ewropew: il-konsenja ta' persuna mfittxija ma tistax tiġi rrifjutata għas-sempliċi raġuni li tkun omm ta' tfal żgħar

Huwa biss fil-każ ta' nuqqasijiet sistemiċi jew ġeneralizzati fl-Istat Membru emittenti u f'sitwazzjoni fejn id-drittijiet fundamentali tal-persuni kkonċernati jkunu f'riskju li jiġu miksura li tali konsenja tista', eċċezzjonalment, tiġi rrifjutata

Qorti ma tistax tirrifjuta li teżegwixxi mandat ta' arrest Ewropew (iktar 'il quddiem il-"MAE") għas-sempliċi raġuni li l-persuna mfittxija tkun omm ta' tfal żgħar li jgħixu magħha. Madankollu, dik il-qorti tista', eċċezzjonalment, tirrifjuta l-konsenja ta' din il-persuna jekk jiġu ssodisfatti żewġ kundizzjonijiet: l-ewwel, għandu jkun hemm riskju reali ta' ksur tad-dritt fundamentali tal-omm għar-rispett tal-ħajja privata u tal-familja tagħha u ta' ħsara għall-aħjar interessi ta' wliedha, minħabba nuqqasijiet sistemiċi jew ġeneralizzati fir-rigward tal-kundizzjonijiet ta' detenzjoni tal-ommijiet ta' tfal żgħar u tal-kundizzjonijiet ta' kura ta' dawn it-tfal fl-Istat Membru li joħroġ il-MAE u, it-tieni, għandhom jeżistu raġunijiet sostanzjali għaliex wieħed jemmin li, fid-dawl tas-sitwazzjoni personali tagħhom, il-persuni kkonċernati jkunu jinsabu f'dan ir-riskju minħabba tali kundizzjonijiet.

Mara ġiet ikkundannata *in absentia* fil-Belġju għal piena ta' ħames snin priġunerija talli ttraffikat persuni u ffaċilitat l-immigrazzjoni illegali. Qorti Belġjana ħarġet MAE fir-rigward tagħha għall-finijiet tal-eżekuzzjoni ta' din il-piena. Ftit xhur wara, din il-mara ġiet arrestata f'Bologna (l-Italja). Fil-mument tal-arrest tagħha, hija kienet tqila u kienet akkumpanjata minn binha ta' madwar tliet snin.

Il-qorti Taljana responsabbli għall-eżekuzzjoni tal-MAE ma kisbitx informazzjoni mill-qorti Belġjana dwar il-modalitajiet ta' eżekuzzjoni ta' piena fil-Belġju fir-rigward ta' ommijiet li jgħixu ma' wliedhom minuri. Hija rrifjutat il-konsenja.

Adita bil-kawża, il-Qorti tal-Kassazzjoni Taljana staqsiet lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk qorti Taljana tistax tirrifjuta l-eżekuzzjoni tal-MAE f'każ bħal dan, li, fid-Deċiżjoni Qafas dwar il-MAE, ma jissemmiex fost ir-raġunijiet ta' nuqqas ta' eżekuzzjoni ta' MAE ¹ u, kemm-il darba twieġeb fl-affermattiv, taħt liema kundizzjonijiet hija tista' tagħmel dan.

Il-Qorti tal-Ġustizzja twieġeb li l-qorti **ma tistax tirrifjuta li teżegwixxi MAE għas-sempliċi raġuni li l-persuna mfittxija tkun omm ta' tfal żgħar li jgħixu magħha**. Fid-dawl tal-prinċipju ta' fiduċja reċiproka bejn l-Istati Membri, teżisti, fil-fatt, preżunzjoni li l-kundizzjonijiet ta' detenzjoni ta' omm ta' tfal żgħar fl-Istat Membru li joħroġ il-MAE huma adatti għal sitwazzjoni bħal din.

Il-konsenja tal-persuna kkonċernata tista', madankollu, tiġi eċċezzjonalment irrifjutata f'sitwazzjoni fejn fatturi partikolari jippermettu li tintwera:

- **l-eżistenza ta' riskju reali ta' ksur tad-dritt fundamentali tal-omm għar-rispett tal-ħajja privata u tal-familja tagħha** u tal-aħjar interessi ta' wliedha, **minħabba nuqqasijiet sistemiċi jew ġeneralizzati fir-**

rigward tal-kundizzjonijiet ta' detenzjoni tal-ommijiet ta' tfal żgħar u tal-kundizzjonijiet ta' kura ta' wliedha fl-Istat Membru li joħroġ il-MAE, u

- **I-eżistenza ta' raġunijiet sostanzjali għaliex wieħed jemmen li, fid-dawl tas-sitwazzjoni personali tagħhom, il-persuni kkonċernati jkunu jinsabu f'dan ir-riskju minħabba tali kundizzjonijiet.**

NOTA: Ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jippermetti, lill-qorti tal-Istati Membri fil-kuntest ta' kawża mressqa quddiemhom, li jitolbu lill-Qorti tal-Ġustizzja interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni jew li tiddeċiedi dwar il-validità ta' att tal-Unjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma taqtax il-kawża nazzjonali. Hija l-qorti nazzjonali li għandha ssib soluzzjoni għall-kawża skont id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja. Din id-deċiżjoni torbot, bl-istess mod, lill-qorti nazzjonali l-oħra li quddiemhom titressaq problema simili.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

It-[test sħiħ u, fejn applikabbli, is-sommarju](#) tas-sentenza jinsab fis-sit CURIA mill-jum li fih tingħata s-sentenza.

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355.

Ritratti tal-għoti tas-sentenza huma disponibbli fuq "[Europe by Satellite](#)" ☎ (+32) 2 2964106.

Ibqgħu konnessi!



¹ [Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/584/ĠAI](#) tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-mandat ta' arrest Ewropew u l-proċeduri ta' konsenja bejn l-Istati Membri, kif emendata bid-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/299/ĠAI tas-26 ta' Frar 2009.